# <u>ELEZZJONI GĦALL-KUNSILLI TAL-ISKEJJEL</u>

## LINJI GWIDA

1. Il-Kap tal-Iskola flimkien mal-SMT għandu jmexxi l-proċess tal-elezzjonijiet. Dawn l-uffiċjali ma jistgħux ikunu kandidati.

2. Is-sistema tal-elezzjonijiet għall-Kunsilli tal-iskejjel hija magħrufa bħala *'first past the post'.*

3. Votanti jistgħu jivvotaw sa mhux aktar minn tliet (3) kandidati.

4. F'każ li numru ta' persuni jġibu l-istess ammont ta' voti, il-kandidati magħżula għandhom jittellgħu bil-polza mill-Kap tal-Iskola fil-preżenza tal-kandidati.

5. L-omm u l-missier ma jistgħux jikkontestaw l-elezzjoni għall-istess Kunsill flimkien imma jista' **xi ħadd minnhom biss**.

6. Ġenitur/Kustodju jista' jikkontesta l-elezzjoni għal aktar minn Kunsill wieħed ġaladarba għandu wlied f'dawk l-iskejjel.

7. Fil-każ taċ-Ċentri ta' Riżorsi, għandhom joħorġu għall-Kunsill u jivvutaw biss dawk il-ġenituri/kustodji li wliedhom huma reġistrati ***full-time*** f'dawk l-iskejjel.

8. Ġenituri/kustodji li huma wkoll edukaturi jistgħu jikkontestaw l-elezzjoni kemm bħala ġenituri kif ukoll bħala edukaturi ġol-istess skola iżda ġaladarba jiġu eletti **jistgħu jżommu biss post wieħed** fil-Kunsill. Dawn l-edukaturi li għandhom it-tfal tagħhom ġo skola differenti minn fejn jaħdmu huma, jistgħu jżommu ż-żewġ postijiet.

9. Ġenituri/kustodji li wliedhom huma fl-aħħar sena skolastika jistgħu jikkontestaw l-elezzjonijiet u jagħżlu jekk itemmux il-ħatra tagħhom bħala membri jew le meta wliedhom itemmu l-kors tagħhom f'dik l-iskola.

10. F'każ ta' xi riżenja l-post jimtela bil-persuna li hemm fil-lista ta' kandidati skont ir-riżultat tal-elezzjoni.

11. Fil-każ li **ma jkunx hemm biżżejjed** nominazzjonijiet tant li jibqa' postijiet vakanti, l-iskola għandha taħdem biex issib edukaturi jew ġenituri/kustodji oħra li jiġu *co-opted* fil-Kunsill tal-Iskola.

12. Kull ġenitur/kustodju jirċievi b'mod elettroniku **Kodiċi** sabiex jivvota onlajn.

13. Il-**Votazzjoni** ssir onlajn billi tidħol fis-sit schoolcouncilelections.edu.mt

14. Importanti li l-iskola tassisti f'dak kollu meħtieġ biex il-proċessi għall-Kunsill Skolastiku l-ġdid jimxu kif xieraq. Għajnuna għandha tingħata b'mod speċjali lill-ġenituri/kustodji li jsibu diffikultà, minħabba li l-proċessi għan-nominazzjonjiet u l-votazzjoni huma onlajn.